



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 11 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

9503/21

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0206(COD)**

**CODEC 833
COH 14
SOC 380
SAN 367
CADREFIN 280
PE 60**

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	ADOZZJONI TA' ATTI LEĠIŻLATTIVI WARA T-TIENI QARI TAL-PARLAMENT EWROPEW Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jstabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 - Eżitu tat-tieni qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, mis-7 sal-10 ta' Ġunju 2021)

I. VOTAZZJONI

Fit-8 ta' Ġunju 2021, il-President tal-Parlament Ewropew iddikjara li l-pożizzjoni tal-Kunsill¹ fl-ewwel qari ġiet approvata mingħajr emendi.

It-test tar-risoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew huwa anness ma' din in-nota.

¹ 6980/2/21 REV 2.

II. ADOZZJONI TA' ATTI LEĠIŻLATTIVI WARA T-TIENI QARI TAL-PARLAMENT EWROPEW

Billi l-Parlament Ewropew approva l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari mingħajr emendi, l-att ikkonċernat jitqies li ġie adottat fil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari, kif previst fl-Artikolu 294(7)(a) TFUE.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew, il-President tal-Kunsill u s-Segretarji Ġenerali taż-żewġ Istituzzjonijiet, l-att ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

P9_TA(2021)0272

Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) 2021-2027 *II**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ġunju 2021 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari għall-adozzjoni tar-regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 (06980/2/2021 – C9-0195/2021 – 2018/0206(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: it-tieni qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (06980/2/2021 – C9-0195/2021),
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-17 ta' Ottubru 2018²,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-5 ta' Diċembru 2018³,
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari⁴ dwar il-proposta tal-Kummissjoni ppreżentata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2018)0382),
 - wara li kkunsidra l-proposta emendata tal-Kummissjoni (COM(2020)0447),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 67 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A9-0197/2021),
1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;
 2. Jieħu nota tad-dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni annessi ma' din ir-riżoluzzjoni;
 3. Jinnota li l-att qed jiġi adottat f'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;
 4. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma l-att, flimkien mal-President tal-Kunsill,

² ĠU C 62, 15.2.2019, p. 165.

³ ĠU C 86, 7.3.2019, p. 84.

⁴ Testi adottati tal-4.4.2019, P8_TA(2019)0350.

skont l-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

5. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att, wara li jkun ġie vverifikat li l-proċeduri ntemmu kif imiss, u biex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

ANNESS GĦAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-investimenti tal-FSE+ fil-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal

Fl-2019 kien hemm 18-il miljun tifel u tifla friskju ta' faqar u esklużjoni soċjali fl-UE, b'għadd kbir ħafna f'xi wħud mill-Istati Membri. It-tifqigħa tal-COVID-19 u l-konsegwenzi soċjoekonomiċi tagħha aggravaw l-inugwaljanzi u l-faqar u kellhom effett aktar qawwi fuqhom. Il-faqar fost it-tfal huwa preżenti b'mod konsistenti fl-Istati Membri kollha u għadu ogħla minn dak għall-adulti fl-età tax-xogħol.

Għalhekk, il-Kummissjoni tilqa' l-ftehim ibbilanċjat li jagħmel lill-FSE+ għodda deċiżiva biex tiġi indirizzata l-isfida tal-faqar fost it-tfal. Il-ftehim jirrikonoxxi l-urġenza li jsir investiment fit-tfal fl-Istati Membri kollha.

Fl-24 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni adottat proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal bil-għan li tindirizza l-isfida b'mod strutturali. Meta tipprogramma l-FSE+, il-Kummissjoni ser tagħmel l-almu tagħha biex tiżgura li l-Istati Membri jiddedikaw finanzjament xieraq għall-FSE+ biex jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal. Barra minn hekk, hija ser thegġegħ lill-Istati Membri jużaw ukoll strumenti oħra ta' finanzjament tal-UE u riżorsi nazzjonali disponibbli biex jappoġġaw investimenti adegwati f'dan il-qasam.

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-investimenti tal-FSE+ fl-impjieġ taż-żgħażaġh

Il-Kummissjoni tenfasizza li ż-żgħażaġh intlaqtu b'mod sproporzjonat mill-kriżi soċjoekonomika b'segwitu għat-tifqigħa tal-COVID-19. Minn Diċembru 2019 sa Diċembru 2020 il-qgħad fost iż-żgħażaġh żdied bi 3 punti perċentwali fl-UE, u b'hekk l-għadd ta' żgħażaġh mingħajr impjieġ tela' għal aktar minn 3.1 miljun. Il-Kummissjoni tfakkar ukoll li l-qgħad fost iż-żgħażaġh kien konsistentement u b'mod sinifikanti ogħla minn dak tal-popolazzjoni adulta, bl-aħħar ċifri juru differenza ta' aktar minn 10 punti perċentwali (17.8 % meta mqabbel ma' 6.6 % f'Diċembru 2020).

ss

Il-Kummissjoni tilqa' l-ftehim milħuq mill-koleġiżlaturi li jirrikonoxxi l-isfida fl-Istati Membri kollha. L-FSE+ huwa l-aktar strument ta' finanzjament importanti tal-UE għall-implimentazzjoni tal-Garanzija

għaż-Żgħażaġħ imsaħħa li għet adottata reċentement kif ukoll ta' miżuri rilevanti oħra fl-ambitu tal-inizjattiva Appoġġ għall-Impjieġ taż-Żgħażaġħ.

Meta tipprogramma l-FSE+, il-Kummissjoni ser tagħmel l-almu tagħha biex tiżgura li l-Istati Membri jiddedikaw finanzjament xieraq għall-FSE+ biex tiġi implimentata l-Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa. Barra minn hekk, hija ser tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jużaw ukoll strumenti oħra ta' finanzjament tal-UE u rizersi nazzjonali disponibbli biex jappoġġaw investimenti adegwati f'dan il-qasam.